**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 223/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 17 ta' Jannar 2023**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fid-19 ta' Mejju 2009 quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tiġi revokata u minflok tiġi kkonfermata t-taxxa dovuta skond dak minnu dikjarat fil-prospett ta' taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2004;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li għar-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tiegħu (ossia tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni) datata 20 ta' Marzu 2009, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni hija ġusta u timmerita konferma;

Ra li fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011[1] ġie dikjarat li dawn il-proċeduri mixjin mal-proċeduri bir-Rikors Nru. 152/11 fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni";

Ra li waqt is-seduta tas-19 ta' Ottubru 2017[2] il-partijiet kontendenti qablu li għalkemm dawn il-proċeduri u l-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11 jittrattaw snin ta' stima differenti, il-fatti huma essenzjalment l-istess u għaldaqstant il-provi miġbura f'dawn il-proċeduri jgħoddu għall-proċeduri bir-Rikors Nru. 152/11 ukoll;

---

[1] Fol. 11 tal-proċess.
[2] Fol. 51 tal-proċess.

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2012[3], tal-25 ta' Jannar 2018[4] u tal-15 ta' Marzu 2018[5] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "DCA" a fol. 276 sa' 281 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11 u d-dokumenti esebiti mid-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi waqt il-kontro-eżami tar-Rikorrent markati Dok. "SA" sa' Dok. "SC" a fol. 285 sa' 305 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11, sema' x-xhieda ta' Henry Micallef mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012[6] u x-xhieda ta' Neil Piccinino, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012[7] u ra d-dokument esebit mill-Kummissarjuu tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' April 2012 a fol. 14 sa' 16 tal-proċess, ra d-dokumenti wkoll esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2012 a fol. 102 sa' 157 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11, sema' x-xhieda ta' Victor Bezzina mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015[8] u ra d-dokument esebit fil-kors tax-xhieda ta' Victor Bezzina markat Dok. "GV1" a fol. 229 sa' 237 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11, ra l-affidavit ta' Carmel Gatt, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 177 sa' 228 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11, sema' x-xhieda ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017[9] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "MB1" a fol. 52 sa' 66 tal-proċess u ra l-affidavit ta' l-imsemmi Marco Borg u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-istess Marco Borg waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2018 a fol. 314 sa' 440 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11 u sema' x-xhieda ta' l-istess Marco Borg mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Ġunju 2018[10], tal-15 ta' Novembru 2018[11] u tat-3 ta' Diċembru 2018[12];

Ra l-files tad-Dipartiment tat-Taxxi relattivi għar-Rikorrent[13];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent dwar il-mertu ta' l-appell a fol. 454 sa' 457 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11 u ra n-Nota Responsiva relattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 105 sa' 111 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' Avviż ta' Likwidazzjoni għas-sena ta' stima 2004 maħruġ fil-konfront tar-Rikorrent fis-7 ta' Marzu 2009, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni esiġa l-ħlas tas-somma komplessiva ta' **€17,162** konsistenti fis-somma ta' €8,143 rappreżentanti taxxa dovuta

---

[3] Fol. 82 sa' 84 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11.
[4] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[5] Fol. 75 sa' 81 tal-proċess.
[6] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[7] Fol. 92 sa' 95 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[8] Fol. 37 sa' 39 tal-proċess.
[9] Fol. 67 sa' 69 tal-proċess.
[10] Fol. 83 tal-proċess.
[11] Fol. 86 u 87 tal-proċess.
[12] Fol. 89 u 90 tal-proċess.
[13] Dawn il-files qed jinżammu fis-sigrieta tal-Maġistrat u mhux fir-Reġistru.

għas-sena ta' stima in kwistjoni, fis-somma ta' €8,969 rappreżentanti taxxa addizzjonali u fis-somma ta' €2,948 rappreżentanti imgħax sad-data ta' l-Avviż[14]. B' Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni għas-sena ta' stima 2004 datat 20 ta' Marzu 2009[15], il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għarraf lir-Rikorrent li *your objection has been duly considered but the Commissioner considers that the ground/s submitted cannot be upheld for the following reason/s: Unexplained bank deposits, which furthermore are not constant with the level of profits declared as a plasterer. This letter is therefore to be considered as a notice of refusal in writing by the Commissioner for the purposes of sub-article 33(5) of the Act. Without prejudice to any other action which the Commissioner may deem necessary the assessment in question is being determined according to sub-article 33(5), as follows:*

| *YEAR OF ASSESSMENT* | *CLAIM NUMBER* | *TAX* |
|---|---|---|
| *2004* | *2730590* | *8143* |

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 kif ukoll bl-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 u interpona appell minnhom quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal. Huwa jitlob li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tiġi revokata u minflok tiġi kkonfermata t-taxxa dovuta skond dak minnu dikjarat fil-prospett ta' taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2004.

L-appell odjern jinsab ibbażat fuq is-segwenti aggravji: *illi l-likwidazzjoni maħruġa mill-Kummissarju hija bbażata biss fuq depożiti bankarji. Illi l-appellant digà għadda l-informazzjoni kollha relattiva għal dawn id-depożiti lill-Kummissarju. Fil-fatt fis-sena 2003, l-appellant kien għaddej minn qagħda finanzjarja diffiċli ferm tant li l-appellant issellef mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. is-somma ta' €12,8115.54 biex akkwista l-appartament numru 5, Christchurch Court, Triq Nazzareno, Sliema. Minħabba l-fatt li fl-istess perjodu l-appellant waqaf mill-impjieg tiegħu u ma setgħax iħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank, l-appellant spiċċa ssellef flus mingħand diversi familjari tiegħu biex ikun f'posizzjoni li jibqa' jħallas lill-Bank. Illi fil-fatt minkejja s-self li l-appellant ħa mingħand il-familjari, huwa xorta waħda ma setgħax ilaħħaq mall-pagamenti tant li ftit xhur wara huwa poġġa l-fond preċitat għall-bejgħ fi Frar 2005. Dan il-fond saħansitra nbiegħ b'telf u nbiegħ qabel ma ddekorrew it-tlett snin rikjesti mil-liġi biex persuna ma tħallasx taxxa fuq il-qligħ kapitali tar-residenza personali tiegħu. Illi għalhekk, minkejja li effettivament kien hemm depożiti bankarji fl-akkont tal-appellant, dawn ma kienux derivanti minn qligħ jew introjtu ta' l-appellant, izda kienu self brevi manu biex jitħallas id-debitu li l-appellant kellu mal-Bank*[16].

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok il-Likwidazzjoni ta' Taxxa imsemmija tiġi kkonfermata stante li għar-raġuni mogħtija fid-deċiżjoni ta' rifjut ta' oġġezzjoni datata 20 ta' Marzu 2009, il-likwidazzjoni ta' taxxa għas-sena ta' stima 2004 hija ġusta u jitħoqqilha konferma.

[14] €8143 + €8969 + €2948 - €2898 (kreditu favur ir-Rikorrent) = €17,162.
[15] Fol. 3 tal-proċess.
[16] Fol. 4 tal-proċess.

Kif jirriżulta mill-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 hija bbażata fuq il-fatt li r-Rikorrent kellu *unexplained bank deposits, which furthermore are not constant with the level of profits declared as a plasterer*. Fir-rigward Marco Borg[17], rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddikjara li fil-11 ta' Novembru 2005 id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien beda investigazzjoni fuq id-dħul tar-Rikorrent tul is-sena bażi 2003, sena ta' stima 2004[18]. Permezz ta' avviż datat 3 ta' Jannar 2006[19], il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ffissa appuntament għal laqgħa mar-Rikorrent fis-17 ta' Jannar 2006 u talbu jipprovdi *detailed list of dividends/interests received* u *all bank books/statements (local & foreign)* u dana dejjem relattivament għas-sena bażi 2003/sena ta' stima 2004. Ir-Rikorrent ma attendiex għal din il-laqgħa u lanqas għal laqgħat oħra li ġew iffissati għas-27 ta' Jannar 2006[20], għat-28 ta' Frar 2006[21] u 13 ta' Marzu 2006[22] u ma pprovda l-ebda dokumentazzjoni lid-Dipartiment. Fid-dawl ta' dan fil-5 ta' April 2006, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ Avviż ta' Likwidazzjoni (Oriġinali) għas-snin ta' stima 1998 u 2004[23]. Fir-rigward tas-sena ta' stima 2004, *it-Trading Income ġie miżjud minn dak dikjarat fl-ammont Lm1,056 għal Lm7,500 u d-dħul minn qligħ Kapitali ġie miżjud minn Lm7,353 għal Lm11,000.* Ir-Rikorrent oġġezzjona mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu u f'dan l-istadju kkoopera mad-Dipartiment u pprovda numru ta' dokumenti fir-rigward ta' l-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tiegħu.

B'referenza partikolari għas-sena ta' stima 2004, Marco Borg iddikjara li *fl-2003 (sena ta' stima 2004) XXX kien self-employed. Huwa kien jagħmel xogħol manwali fil-qasam tal-kostruzzjoni (bħal twaħħil ta' gypsum boards u tibjid) u ma kienx iħaddem nies miegħu. Minn dan ix-xogħol iddikjara bejgħ fl-ammont ta' Lm1,100 u qligħ fl-ammont ta' Lm1,056* - prospett ta' taxxa għas-sena ta' stima 2004 esebit bħala Dok. "MB11" a fol. 395 sa' 400 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11. *Mill-analiżi tad-dokumentazzjoni li XXX ipprovda fi stadju ta' oġġezzjoni, irriżulta li huwa kien għamel numru sostanzjali ta' depożiti fl-ammonti li kienu jvarjaw bejn Lm30 u Lm650, li baqgħu ma ġewx spjegati. Minn natura tagħhom ma kienx jagħmel sens li kienu ġejjin minn transazzjonijiet kapitali, bħal bejgħ ta' proprjetà, u kien iktar jagħmel sens illi kienu relatati ma' l-attività ekonomika tiegħu bħala self-employed. Fil-kors ta' l-istadju ta' l-oġġezzjoni dawn id-depożiti ġew analizzati* - Dok. "MB12" a fol. 405 sa' 425 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11. *Il-kotba bankarji analizzati kienu dawk ta' Bak of Valletta Savings account 14813565016, HSBC Account 0061266114001 u HSBC Account 06126114301 u sommarju tad-depożiti kollha li saru fil-kontijiet bankarji msemmija qed jiġu annessi u mmarkati bħala Dok. "MB13"* - fol. 426 sa' 437 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11. *Minn din l-analiżi rriżulta li fit-tlett kontijiet bankarji hawn fuq imsemmija ġie depożitat total ta' Lm15,241. Minn dawn id-depożiti, id-Dipartiment aċċetta illi Lm6,600 minnhom setgħu kienu parti minn kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà u għalhekk ġew imnaqqsa. Wara dak it-tnaqqis kien baqa' l-bilanċ ta' Lm8,642 f'depożiti mhux spjegati kif jidher mit-tabella hawn taħt:*

---

[17] Affidavit ta' Marco Borg a fol. 315 sa' 318 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11.
[18] Dok. "MB1" a fol. 320 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[19] Dok. "MB2" a fol. 321 u 322 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[20] Fol. 323 u 324 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[21] Fol. 325 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[22] Fol. 327 u 328 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.
[23] Dok. "MB3" a fol. 329 sa' 331 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11.

| Bank | Total Depożiti | Depożiti mnaqqsa | Depożiti mhux spjegati |
|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm |
| BOV 14813565016 | 5,345 | 3,100 | 2,245 |
| HSBC 6126114001 | 9,797 | 3,500 | 6,297 |
| HSBC 6126114301 | 100 | 0 | 100 |

*Għalkemm XXX ġie mistoqsi jispjega dawn id-depożiti, huwa qatt ma ta spjegazzjoni dwar minn fejn kienu ġejjin dawn il-flus. Ngħid illi matul is-sena bażi 2003 huwa ddikajra Lm1,100 bħala bejgħ mill-attività ekonomika tiegħu, li huwa ammont pjuttost baxx, speċjalment meta wieħed iqis illi kien hemm dawn id-depożiti mhux spjegati. Ngħid illi minkejja l-fatt li huwa ma tax spjegazzjoni sodisfaċenti għal tali depożiti, XXX xorta waħda ngħata l-benefiċċju tad-dubju u l-figura ta' Lm8,642 ġiet imnaqqsa għal Lm7,500 għax ittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li parti minn dawn id-depożiti setgħu kienu ta' natura personali li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-attività ekonomika tiegħu.*

Ir-Rikorrent irribatta għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u l-bażi fuq liema din inħarġet mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni billi esebixxa serie ta' dokumenti - Dok. "DCA" a fol. 276 sa' 281 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 152/11 - u dwarhom iddikjara *dan kelli garaxx u kont se nbiegħu jien. Jiena ddeċidejt li nbiegħu għaliex kelli bżonn il-flus biex inħallas għax kelli xi ftit dejn, għamilna l-konvenju u kont se nbiegħu għal Lm30,000 u hu tani Lm3,000 bħala 10% deposit. L-10% tahomli, ħallast lil min kelli nħallas u reġa' bdieli mbagħad wara ż-żmien biex inbiegħu u kelli nagħtih Lm6,000 lura. Imbagħad jiena kont begħhejt il-flat tiegħi personali, begħhejtu u tħallas il-bank, iż-żewġ banek, u ħa s-Lm6,000 fuq it-Lm3,000 dawk tat-taxxa u hekk.* Mistoqsi x'kien għamel bis-somma ta' Lm3,000 li kien irċieva, ir-Rikorrent wieġeb *jiena mort il-bank, sarraftu, tani c-cheque n-nutar ta' Lm3,000, mort il-bank fid-29 ta' April għaliex tahuli fit-28 ta' April tas-sena 2003 u jiena mort l-għada u sarraftu. Jiena iddepożitajtu u erġajt ġbidtu għaliex kelli nħallas xi dejn u ħallastu.* Ir-Rikorrent iddikjara ulterjorment illi din is-somma ta' Lm3,000 huwa kien iddepożitaha fil-kont mal-Bank of Valletta[24].

In kontro-eżami[25] r-Rikorrent ġie mistoqsi dwar id-depożiti regolari li kien ikollu bejn Lm30 u Lm650 u mitlub jagħti spjegazzjoni dwar il-provenjenza tagħhom wieġeb *għaliex kelli nagħti l-bank. … iva bdejt niddepożita biex jinġibdu għall-HSBC fejn kelli nagħtihom xi Lm52,000. … Kont naħdem. … Self employed. Kont inbajjad u dawn l-affarijiet hekk.* Iddikjara wkoll li huwa ta d-dokumentazzjoni dwar in-negozju tiegħu lid-Dipartiment tat-Taxxi u saħaq li fil-fatt id-Dipartiment kellu kollox.

Il-provi u ġustifikazzjonijiet li ressaq ir-Rikorrent però bl-ebda mod ma juru b'mod sodisfaċenti li l-likwidazzjoni ta' taxxa magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għas-sena ta' stima 2004 hija eċċessiva u/jew żbaljata. Mill-provi prodotti mill-

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2018, fol. 282 u 283 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11.

[25] Seduta tal-15 ta' Marzu 2018, fol. 306 sa' 312 tal-proċess fl-ismijiet "David Collict v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 152/11.

Kummissarju tat-Taxxi joħroġ ċar li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu kkunsidra u alloka a favur ir-Rikorrent dħul li kien jidher li ġej minn bejgħ ta' proprjetà u anke għamel ċerta konċessjonijiet oħra a favur tiegħu, ossia tar-Rikorrent, ad eżempju ta' ammonti ulterjuri li kienu ta' natura personali. Il-qofol ta' kollox però kienu depożiti f'ammonti żgħar li jvarjaw bejn Lm30 u Lm650, dwar liema r-Rikorrent ma ta l-ebda spjegazzjoni tagħhom. Jidher però li fil-kontro-eżami tiegħu r-Rikorrent ikkonċeda li dawn kienu ġejjin mix-xogħol tiegħu ta' bajjad, iżda ladarba għall-Kummissarju dawn kienu depożiti bla spjegazzjoni, jsegwi li l-istess ma ġewx dikjarati mir-Rikorrent fil-prospett ta' taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2004.

It-Tribunal josserva wkoll li għalkemm fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jikkontendi li kien issellef ammonti ta' flus brevi manu mingħand familjari tiegħu biex seta' jħallas id-dejn li kellu mal-Bank, għal raġunijiet li jaf hu biss naqas milli jressaq lil dawn il-familjari li allegatament għaddewlu xi flus biex jikkonfermaw dan. Apparte minnhekk, baqa' qatt ma ħareġ b'mod ċar mill-provi tar-Rikorrent kemm, jekk verament seħħ hekk, kien issellef flus mingħand dawn il-membri tal-familja tiegħu u kemm kull wieħed minnhom kien għaddielu flus, provi dawn li fil-fehma tat-Tribunal setgħu faċilment jiġu minnu prodotti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li l-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 kien żbaljat u li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 hija eċċessiva. B'hekk l-appell tiegħu mill-imsemmija Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mill-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 u mill-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u minflok jikkonferma l-imsemmija Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**